# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 6 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 873/00**

**Numru 10**

**Mizzi Automotive Services Limited**

**vs**

**Socjeta Hayes Insurance Agency Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u hmistax liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm915.59), prezz ta' spare parts u tiswija li giet esegwita fuq inkarigu taghhom fuq il-vetturi Daihatsu Charade numru tar-registrazzjoni FAS-356 u Rover 214 ta' registrazzjoni ALL-001 u dan kif jidher mill-fatturi annessi mal-avviz u mmarkati "Dok A" u Dok "B" rispettivament.

Bl-imghaxijiet mid-data tal-fatturi u bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta konvenuta hi kontumaci u ma ikkontestatx it-talba attrici (ara fol 6 tal-atti). Inoltre Alfred Micallef illum stess, xehed li l-ammont specifikat fl-avviz u li hu minnu fuq id-dokumenti markati "Dok A" u "Dok B" a fol 2 u 3 tal-istess atti, ghadu dovut sallum.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici is-somma ta' Lm915.59,0 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Frar 1999 sal-pagament effettiv fuq is-somma ta' Lm806.34,0 u mill-24 ta' Lulju 1999 sal-pagament effettiv fuq is-somma ta' Lm109.25 u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg